# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-14 ta' Dicembru 2020

**Rikors Numru : 68/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**KA**

**Vs**

**AA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' KA, datat 12 ta' Marzu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kienu zzewgu fit-28 ta' Mejju, 2003 [Dok. A],mill-liema zwieg ma twieldux tfal.*

2. *Illi l-kontendenti sseparaw de facto ftit wara z-zwieg u ilhom sseparati ghal aktar minn tlettax-il sena.*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.*

4. *Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjoni ta manteniment u m'hemmx pendenzi ulterjuri.*

5. *Illi m'hemm l-ebda assi li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

6. *Illi b'digriet moghti fl-14 ta' Jannar, 2019, il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja,*

*awtorizzat lill-esponenti sabiex tipprocedi b'kawza ghad-divorzju u/jew ghal-hall taz-zwieg kontra l-intimat [Dok.B]*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onor Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li l-kontendenti ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin, li m'hemmx kwistjoni ta manteniment bejn il-kontendenti u li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;*

2. *Tordna d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Mejju, 2003;*

3. *Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti u tiddikjara li m'hemml-ebda assi fl-istess komunjoni tal-akkwisti;*

4. *Tiddikjara lil-ebda manteniment reciproku m'huwa dovut bejn il-partijiet;*

5. *Tordna li l-esponenti KA tirriverti ghalkunjom xbubitha, ossija "C";*

6. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregsitra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' AA (ID 527384M), datata 21 ta' Mejju 2019, a fol 15 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jiddikjara illi l-fatti kif dikjarati fir-rikors guramentat promotur huma korretti u ghaldaqstant qieghed permezz ta' dina r-risposta formalment jaghmilhom tieghu;*

2. *Illi konsegwentement l-esponenti mhux qed jopponi ghat-talbiet attrici kif dedotti;*

3. *Illi inkwantu ghall-kap tal-ispejjez, l-esponenti jeccepixxi illi gialadarba l-ebda parti ma qeghdha timputa l-htija tat-tifrik taz-zwieg lill-parti l-ohra, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha ta dawn il-proceduri.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tat-tnejn (2) ta' Ottubru 2019, fejn l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi ma ghandhomx aktar xhieda x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.[1]

Rat il-verbal tal-hdax (11) ta' Novembru tas-sena 2019 a fol 27 tal-process fejn il-Qorti stidnet lill-avukati difensuri tal-partijiet jirregolaw ruhhom ai termini tal-Art 66 G (2) (a) u Art 66 (H) (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Regghet rat il-verbal tad-disgha (9) ta' Novembru tas-sena 2020 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.[2]

**Ikkonsidrat:**

AA xehed (vide fol 21-22) nhar it-tnejn (2) t' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn huwa kkonferma li huwa zzewweg lill-attrici fis-sena elfejn u tlieta (2003), u li fiz-zwieg kien hemm diversi problemi, fosthom il-fatt li huwa kien johrog wahdu u kien idum barra u li l-attrici ma kienitx tiehu pjacir. Huwa jghid ukoll li kien ikollom kwistjonijiet fuq il-konsum tal-alcohol u l-ikel u dana peress li l-attrici tippratika uzanzi kulturali diversi minn dawk tal-konvenut. Illi l-konvenut jghid li qatt ma kien vjolenti, u li qatt ma kisser xejn, imma huwa qatt ma seta' jghix

[1] Vide fol 19-20.
[2] Vide fol 41.

il-hajja li kienet tghix l-attrici. Illi ghalhekk il-hajja matrimonjali ta' bejniethom ma setghatx tkompli aktar.

Il-konvenut jikkonferma li huwa qatt ma xtara propjeta flimkien mal-attrici, u li meta sseparaw tlettax (13) – il sena ilu, hu u l-attrici kienu hadu dak li kien taghhom u kulhadd kien kuntent b'dak li kien ha. Illi l-konvenut jixhed li huwa ghandu karozza, f'ismu, u liema karozza hija l-karozza tax-xoghol, 'cab'. Illi l-konvenut jixhed li tul dawn l-ahhar tlettax (13) – il sena qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni tant li hu llum qieghed f'relazzjoni ohra. Il-konvenut jikkonferma li qatt ma kien hemm talba ghal manteniment la da parti tieghu versu l-attrici u lanqas da parti tal-attrici versu l-konvenut.

KA xehdet (vide fol 23-26) nhar il-tnejn (2) t'Ottubru elfejn u dsatax (2019) fejn ikkonfermat li hija kienet izzewget lill-konvenut nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u li minn dana z-zwieg ma twieldu l-ebda tfal. Hija kkonfermat ukoll dak rilevat mill-avukati difensuri taghha u cioe li l-attrici u l-konvenut qatt ma kellhom propjeta immobbli u ilhom separati *de facto* tlettax (13)– il sena. Hija, bhal konvenut ikkonfermat li ghal dak li jirrigwarda assi mobbli, kull parti hija kuntenta b'dak li ha meta ssepparaw de facto u m'huma jippretendu xejn mill-parti l-ohra.

L-attrici xehdet ukoll li hi u l-konvenut qatt ma kienu jiftehmu, u ghalkemm pruvaw tul l-erba snin li ghamlu flimkien biex jirrangaw l-affarijiet, kien ikollhom argumenti ta sikwiet. L-attrici tghid li hi kienet ghadha gejja minn pajjizha u hija baqghet thaddan il-kultura u l-ideologija tal-pajjiz tal-origini taghha. Hija tghid li kulturalment hi u l-konvenut ma qablux. L-attrici fix-xhiedha taghha tikkonferma li qatt ma kien hemm vjolenza, u li tfal minn dan iz-zwieg ma kienx hemm. L-attrici tixhed li tul dawn l-ahhar tlettax (13) – il sena, u cioe' minn mindu sseparaw de facto, qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u li m'hemm l-ebda prospett ghar-rikonciljazzjoni. Hija tikkonferma li mhi tippretendi l-ebda manteniment minghand il-konvenut.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn***

***xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Illi l-Qorti tinnota illi ghalkemm il-partijiet ilhom ormai zmien twil isseparati *de facto*, il-partijiet qatt m'ottjenew is-separazzjoni legali. Illi jirrizulta mill-atti esebiti li l-partijiet ottemperaw ruhhom mad-dispozizzjonijiet tal-artiklu 66 I tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u mad-dispozizzjonijiet tal-Ligi Sussidjarja 12.20.

Illi sussegwentement, l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'dawna l-proceduri ghad-divorzju u/jew hall taz-zwieg ai termini tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat erbatax (14) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019)[3] fejn gie dikjarat li l-medjazzjoni nghalqet stante li l-partijiet ma lahqux ftehim.

Mill-atti jirrizulta soddisfacentement illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta (2003) u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg mmarkat bhala Dok A[4] anness mar-rikors guramentat tal-attrici a fol 4 tal-process. Illi minn dana z-zwieg, kif xehdu anke l-partijiet, ma twieldu l-ebda ulied u ormai ilhom de facto separati ghal

[3] Vide vera kopja tad-digriet a fol 8.
[4] Illi ghar-rigward l-imsemmi certifikat taz-zwieg, tinnota fil-verbal tas-seduta tat tnejn (2) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-avukat tal-attrici kien informa lill-Qorti illi fi zmien gimgha ser jipprezenta certifikat taz-zwieg permezz ta' nota. Il-Qorti tinnota li din in-nota qatt ma giet prezentata. Illi pero' ic-certifikat taz-zwieg kien gie anness mar-rikors guramentat meta l-attrici kienet ghadha patrocinata minn avukat difensur iehor.

dawn l-ahhar tlettax (13)–il sena u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. B'hekk huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-ligi illi l-partijiet iridu jkunu separati anke jekk *de facto* ghal aktar minn erba' (4) snin.

Illi kif jirrizulta ukoll mix-xhiedha tal-partijiet, il-hajja mizzewga ta' bejn il-partijiet kienet afflitta minn differenzi kulturali sostanzjali, kif anke jirrizulta mix-xhiedha taghhom stess. Illi jidher ukoll li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni, b'dana illi anke dan ir-rekwizit hekk kif stipulat fil-ligi jirrizulta wkoll sufficjentement pprovat.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi m'hemm l-ebda pretensjonijiet ghar-rigward manteniment bejn il-partijiet u lanqas m'hemm pendenzi ulterjuri ohra.

Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-attrici rnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex iz-zwieg taghha mal-konvenut jigi mahlul.

Illi ghar-rigward it-tielet (3) talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-hames (5) talba fejn l-attrici qeghda titlob li tirriverti ghal kunjom xbubitha '*C*', il-Qorti rat l-artikolu 66 D (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li flimkien ma' l-istess talba ghad-divorzju, *'it-talbiet kollha illi huma mahsuba illi jistghu jsiru f'kawza ta'separazzjoni skond is-Sub Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-Qorti ghandha tisma u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif mahsub fid-dispozizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis…"*

Il-Qorti tinnota li l-komunjoni tal-akkwisti ghadha operativa bejn il-partijiet. Jirrizulta kemm mix-xhiedha tal-partijiet, u kif ukoll mid-dikjarazzjoni li giet verbalizzata fis-seduta tat-tnejn (2) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019)[5] li ma hemm l-ebda assi in komunjoni u li l-partijiet ma ghandhom l-ebda pretensjonijiet f'dan ir-rigward fil-konfront ta' xulxin.

Ghaldaqstant, ghal kull bon fini, l-Qorti tordna illi il-kontijiet bankarji u nvestimenti intestati f'isem il-partijiet ghandhom jibqghu jappartjenu lill-parti fil-kawza li fuqha huma ntestati. Illi di piu, kemm-il darba hemm vetturi licenzjati fuq il-partijiet dawn ghandhom jibqghu hekk licenzjati fuq dik il-parti.

[5] Vide fol 19-20.

B'referenza ghall-hames talba, il-Qorti, anke fid-dawl ta' dak li xehdu l-partijiet u l-fatt li llum it-tnejn ghandhom hajja separata u distinta minn xulxin, il-Qorti tilqa' t-talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' C.

Illi l-Qorti rat ukoll l-artikolu 66 G (1) u l-artikolu 66 G (2) (a) u l-artikolu 66H tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw is-segwenti:

> ***(1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lir-rikorrent għandu, qabel ma jibda l-proċeduri skont l-artikolu 66B, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti -(a) jiddiskuti mar-rikorrent il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħti lilu l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċessta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u(b) jassigura li r-rikorrent jaf bil-fakultà ta' separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju…***
>
> ***(2) Ir-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu:(a) fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1);***
>
> ***66H (1) L-avukat li jkun qed jippatroċinja lill-intimat għandu,kemm jista' jkun malajr wara li jirċievi istruzzjonijiet mill-intimat dwar il-każ, fejn l-intimat u l-parti l-oħra ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, jiddiskuti mal-intimat il-possibilita` ta' rikonċiljazzjoni u jagħtih l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin.***
>
> ***(2) Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ir-risposta tal-intimat għar-rikors għad-divorzju għandha tkun akkumpanjata b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1):***
>
> ***Iżda meta l-avukat li jkun qed jassisti lill-klijent fil-każ ta'divorzju ma jkunx ippreżenta n-nota imsemmija, l-avukat għandu jippreżenta dik in-nota fil-qorti sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża.***

Il-Qorti tirrileva illi n-noti rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikolu 66 G (2) (a) tal-Kap 16 u dik ai termini 66 (H) (2), gew prezentati mill-avukati difensuri rispettivi, u jinsabu a fol 32 u a fol 43 tal-process rispettivament. Illi pero' il-Qorti tirrileva illi dawn in-noti gew prezentati tardivament, stante li dik prezentata mill-attrici giet intavolata nhar il-hdax (12) ta' Dicembru elfejn u dsatax (2019) u dik mid-difensur tal-intimat nhar id-disgha (9) ta' Novembru elfejn u ghoxrin (2020), u mhux sa jew fl-ewwel smigħ tal-kawża kif tezigi l-ligi, u dana wara li l-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet fuq il-bzonn li jirregolaw ruhhom dwar dan.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma essenzjalment misuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu, il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat.

Illi pero' l-analisi ta' jekk din il-kondotta u l-evalwazzjoni ta' jekk in-nuqqasijiet li jirrizultaw kienux jimportaw l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet stipulati fin-normi procedurali li jirregolaw is-smiegh tal-kawza ghandu jsir oggettivament. Illi l-Qorti fic-cirkostanzi, fid-dawl ta' gurisprudenza li l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat[6] u ta' dak li xehdu l-partijiet u cioe li ormai ilhom tlettax (13)- il sena, jghixu hajja separata u distinta minn xulxin, li sahansitra l-konvenut qieghed f'relazzjoni ohra ma' terzi, u li z-zewg partijiet huma indubjament konvinti minn dina d-decisjoni li jridu li jigi ordnat il-hall taz-zwieg li gie kontrattat bejnithom. Illi ghalhekk il-Qorti tirrileva illi fid-dawl ta' dan kollu, u tal-fatt li t-tardivita' tal-prezentata tan-noti in kwistjoni mhux sejra tippregudika b'xi mod il-process gudizzjarju odjern jew lill-partijiet. Tali tardivita' ***wahidha***[7] m'ghandhiex tkun ostaklu ghall-Qorti sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talbiet odjerni u tghaddi ghas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kontendenti ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin, li m'hemmx kwistjoni ta manteniment bejn il-kontendenti u li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;**

[6] Vide *inter alia* gurisprudenza tal-Imhallef Raymond C Pace, u dik tal-Imhallef Philip Sciberras fosthom: Untours Insurance Limited vs Gauci Maria Lourdes deciza 10/07/2003 Qorti tal-Appell (Sede Infejuri).

[7] Enfazi tal-Qorti.

2. **Tippronunzja d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti, u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

3. **Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti kif fuq indikat u tordna n-notifika ta' dan lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici ai termini tal-ligi;**

4. **Tiddikjara illi ebda manteniment huwa dovut minn parti ghall-ohra;**

5. **Tordna u tawtorizza lill-attrici KA (ID 170217L) tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'C.'**

6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba stante li hija nkluza fid-decide talba Numru 2.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**